Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Trevor Micallef]

vs

Damien Bronsdijk

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 397/18

Illum, 21 ta' Frar, 2022

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Damien Bronsdijk detentur tal-karta tal-identita` numru 19500L u -Omissis- akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Gunju 2018 u fix-xhur ta' qabel/sena ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru 'l istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

Lill-Damien Bronsdijk wahdu talli:

Ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa Basic Food and Drinks li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew mill-vicinanzi ghad dannu ta' Ryan Jason Dimech u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' (li jecedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u

tletin centesmu (Euro 2,329.37), bil-'hin' u bil-'persuna'. (Art 42(d), 261(c), (b), (d), (f), 263(a) 264(1), 267, 268(d), 270, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Lill—Omissis-

-Omissis-

Rat id-dokumenti;

Semghet provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art. 18, 42(d), 261(c), (b), (d), (f), 263(a), 264(1), 267, 268(d), 270, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat Damien Bronsdijk u stante li meta sehh ir-reat l-imputat kellu eta' relattivament zghira, il-Qorti qed issibu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ta' erbghin (40) siegha.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat Damien Bronsdijk ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft/Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**